MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Numru 494/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Christopher Agius**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Christopher Agius** ta' 36 sena, bin Emanuel u Carnen *nee'* Cini, mwieled Pieta' nhar it-12 ta' Frar, 1976 u residenti 69, 'Blossom', Triq Kalcedonju Gatt, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 129476M;

Talli nhar it-8 ta' Mejju 2012, u fil-granet ta' qabel din id-data f'hinijiet differenti, matur il-gurnata minn gewwa l-kazin tal-banda Duke of Connaught li huwa sitwat fi Triq il-

Wied Birkirkara b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

1. ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom antikitajiet, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2329.37) u bil-persuna u liema serq sar ghad-detriment ta' s-socjeta' muzikali Duke of Connaught u/jew persuna/i ohra;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu;

Rat l-artikolu 261(c) u (d), 267, 278 u 280 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u hadet in kosiderazzjoni l-fatti illi r-rifurtiva kienet ritornata bil-koperazzjoni tal-imputat stess;

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum liema terminu ma jidderkorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 u inoltre tqieghdu taht ordni ta' supervizzjoni ghal terminu ta' sena (1) mil-lum skond l-artikolu 28 G tal-tal-Kap 9;

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;

Tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi stante li l-prosekuzzjoni ma kelliex il-kunsens sabiex din il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------